MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Numru. 42/2006

Il-Pulizija
Spettur Alexander Paul Miruzzi
vs
Pawlu Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-18 ta' Mejju 2005 u / jew fil-granet ta' qabel din id-data assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm piena ta' prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

Akkuzat talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi bhala l-persuna li zamm jew qabel li izomm xi annimal gieghel lil istess isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikoli 8 (2) u 8 (3) tal-Att 25 ta' l-2001 dwar il-Harsien ta' l-Annimali;

Akkuzat talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi bhala l-persuna li importa, esporta jew esporta mill-gdid xi ezemplari, ukoll jekk dawn mhux imsemmija fl-Anness mar-Regolament Principali, jigifieri ta’ l-Avviz Legali 236 ta’ l-2004, naqas li japplika lill-Awtorita Amministrattiva bil-miktub fuq formoli disponibbli ghaldaqstant minn dik l-Awtorita;

Akkuzat talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi bhala l-persuna li importat xi speci li kienet imharsa fil-pajjiz minn fejn torigina, ukoll jekk ma kienitx inkluza fl-Annessi mar-Regolamenti Principali, u ukoll jekk dak il-pajjiz mnejn torigina ma jkunx parti fil-Konvenzjoni, naqas li jkollu awtorizzazzjoni ta’ esportazzjoni minn dak il-pajjiz;

Akkuzat talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi bhala l-persuna li kellu fil-pussess ta’ xi ezemplari li l-importazzjoni tieghu taqa’ taht dawn ir-regolamenti naqas li izomm fil-pussess tieghu, u ghaz-zmien kollu li dawk l-ezemplari kienu fil-kustodja tieghu, kull permess, certifikat u licenzja li kellhom x’jaqsmu ma dik l-importazzjoni ta’ dawk l-ezemplari;

Akkuzati talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi dahhal fil-Komunita’ ezamplari minghajr permess u certifikati, kif ukoll naqas li jistiva ezemplari hajjin li ma kienux imhejjija sew biex jitnaqqas ir-riskju li tali ezemplari jwegghu, tigrilhom il-hsara ghal sahhithom jew jigu trattati b’mod krudili;

Akkuzati talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess, waqt li kien fuq xi opra tal-bahar, xi ghasfur, haj jew mejjet, jew partijiet minn xi ghasfur, li mhux imsemmi fl-Iskeda 111 li tinsab mar-Regolament tal-Avviz Legali 146 ta’ l-1993 kif sussegwentement emendati;

Akuzati talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi importa ghasafar, hajjin jew mejtin, jew partijiet minnhom, u ma ippruvax li dawk gew imrobbija fil-mahluq fil-pajjiz min fejn originaw jew li ma humiex protetti fil-pajjiz ta’ l-origini

taghhom, jew li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda awtorizzata;

Akkuzat talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi zamm jew qafel xi ghasfur jew ghasafar li kienu fi gagga jew recipjent iehor ta’ qies inqas min 250 mm gholi, 250 mm tul u 150 mm wiesgha, u li, meta jitqies id-daqs ta’ l-ghasfur, ma jkunx kbir bizzejjed biex l-ghasfur jew ghasafar jifthu gwenhejh /om b’mod hieles;

Akkuzat talli fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud akkuzat talli fit-18 ta’ Mejju 2005 mal-wasla tieghu f’Malta xjentement jew bil-ko-operazzjoni ta’ individwu jew individwi ohra naqas li jiddikjaraw lill-Ufficjali tad-Dwana zewg finches lill-Ufficjali tad-Dwana, liema importazzjoni taghhom hija projbita u / jew ristretta;

Dawn ghandhom il-valur ta’ LM 6.00c, Dazju xejn, u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq l-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal LM 1.08c, liema taxxa ma gietx imhallsa u / jew kawtelata u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 60 (b) (h) (k); l-Art. 62 (a) (f) (g) (h) (i) (k), 68 (1)  u 69 (1) (2) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u l-Artikolu 80  ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XX111-1998);

Semghet il-provi;

Peress illi l-akkuzi gew ippruvati;

Issibu hati;

Rat l-Artikolu 8 tal-Att XXV tal-2001, l-A. L. 236 ta’ l-2004, l-Artikoli 62, 68 u 69 tal-Kap. 37 u l-Artikolu 80 tal-Att XX111 tal-1998;

Taghtu zmien xieraq sabiex ikun jikkunsidra l-ammissjoni tieghu u ipposponiet il-kawza ghal dan il-ghan, izda l-imputat insista li iwiegeb li hu hati;

Ikkunsidrat il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat kien ikkopera mieghu matul l-investigazzjoni u il-

fatt illi l-imputat ha biss zewg ghasafar, ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tikkundannah ghall-multa ta' LM 100 bi tlett xhur zmien ghall-hlas ai termini tal-Artikolu 14 tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------